TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 3/2024**

Data: It-Tnejn, 12 t' Awwissu 2024

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | | |
|---|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella Zammit | Kunsilliera | | Preżenti |
| Is-Sa. Annabelle Marmara | Kunsilliera | | Skużata |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | | Skużat |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | | Skużat |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Eżekuttiv | Segretarju | Preżenti |

**3.1 Ittri ta' apoloġija**

3.1.3 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Darlene Vella, il-Kunsilliera s-Sa. Anabelle Marmara, is-Sur Glenn Urry kif ukoll is-Sur Dasier Damato tniżlu bħala skużati peress li infurmaw lill-Kunsill li ma setgħux jattendu għal-laqgħa.

**3.3 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 2**

3.3.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 2 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Nicole Farrugia, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**3.3 Preżentazzjoni u approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 2**

3.3.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sa. Darlene Vella u s-Sa. Nicole Farrugia ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-30 ta' Lulju 2024 u 12 ta' Awwissu 2024 li kienet tammonta għal €30,459.95.

TARXIEN
Local Council

3.4 **Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 2**

| | |
|---|---|
| **3.5.1 Ħatra tal-Board tal-Għażla għall-post vakant ta' Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sindku ppreżenta r-rapport li l-Board tal-Għażla ħejja wara l-intervisti li kienu saru. Il-Board irrakkomanda lis-Sa. Tiffany Abela sabiex tokkupa l-irwol ta' Segretarju Eżekuttiv. Fuq rakkomandazzjoni tal-Board, kif propost mis-Sindku, issekondat mis-Sa. Darlene Vella il-Kunsill approva r-rapport. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv kellha tikkomunika mas-Sa. Abela kif ukoll mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex jitkompla l-proċess tal-ħatra. |
| **3.5.3 Post Vakant Assistent Prinċipal fi skala 11** | Is-Sindku semma l-applikazzjonijiet għal dan il-post vakant reġgħu nfetħu. |
| **3.5.3 Charging Pillars** | Is-Sindku semma li l-Kunsillier Neil Portelli flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv attendew għall-laqgħa ma' rappreżentant mill-Aġenzija. Wara diskussjoni fuq id-dokument preżentat u anness mal-Minuti bħala Dok A, il-Kunsill qabel li jinżamm is-sit propost ta' Misraħ Raħeb kif ukoll Ġnien Penza. Is-Sur Portelli kellu jiċċekkja jekk dawn is-siti proposti humiex biżejjed. |
| **3.5.4 Approvazzjoni ta' bye-law għall-kiri ta' faċilitajiet** | Is-Sindku semma li kif maqbul fl-aħħar laqgħa saret laqgħa mal-avukat u kien hemm xi kjarifiki li jridu jsiru. Il-Kunsill iddiskuta l-ħlasijiet li ser jidħlu bħala parti mill-Bye Law sabiex din tkun iffinalizzata. |
| **3.5.5 Proposta sabiex jibda jopera l-grawnd 5 a-side** | Is-Sindku ppropona sabiex is-Segretarju Eżekuttiv jiċċekkja mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali nistgħux bħala Kunsill noħorġu vacancy għall-skala 16 jew inqas |

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

sabiex jiġi impjegat persuna bħala security mal-grawnd 5 a-side.

**3.5.6 Servizz ta' knis ta' toroq (tender)**

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill joħroġ sejħa għall-offerti fix-xhur li ġejjin. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Darlene Vella l-Kunsill approva din il-proposta. Il-Kunsilliera semmew li qed ikun hemm ħafna ħmieġ ħdejn il-magni tal-BCRS. Talbu li tintalab cleaning schedule ta' din iż-żona.

**3.5.7 Toddlers area Ġnien Joanne**

Is-Sindku spjega li l-Perit qed taħdem fuq l-applikazzjonijiet ta' DNO kif ukoll qed tara minħabba l-pedamenti li jridu jsiru.
Semma wkoll li ser ikun spejjeż li ser ikopri l-Kunsill ta' xogħol amministrattiv tal-Perit minħabba l-monument ta' Fr. Hilary.

**3.5.8 Triq it-Tempji Neolitiċi**

Is-Sindku semma li kkomunika mal-Ministru l-Onor. Chris Bonett sabiex ikun hemm direzzjoni kif ser isir ix-xogħol fuq din it-triq.

**3.5.9 Arkata ġewwa Trejqet Karl Chircop**

Is-Sindku semma li qed jintalbu kwotazzjonijiet lill-restawraturi differenti sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol.

**3.5.10 Restawr Madonna tar-Rużarju Triq Xintil**

Is-Sindku semma li qed jinġabru l-kwotazzjonijiet sabiex jinbeda dan ix-xogħol ta' restawr.

**3.5.11 Vann tal-Kunsill għar-residenti**

Is-Sindku semma li l-vann ser jibqa' jagħmel ir-rotta kif skedata u ser jaraw il-possibilità li nhar ta' Sibt ikun hemm vjaġġ lejn San Vinċenz.

TARXIEN
Local Council

| | |
|---|---|
| **3.5.12 Attività ġewwa Ġnien Veliko Turnovo** | Is-Sindku semma li l-attività mill-Għaqda tan-Nar ġewwa Ġnien Ovindoli saret. Semma li t-tindif ta' wara l-attività sar ukoll mill-Għaqda. |
| **3.5.13 Notice Boards** | Is-Sindku semma li dawn għadhom ser jeħlu fiż-żoni proposti. |
| **3.5.14 Latrina** | Is-Sindku semma li l-Perit kienet qed tiffinalizza l-BOQ għas-sejħa. |
| **3.5.15 Sports Week** | Is-Sindku semma li l-Kunsillier Glenn Urry kellu jibgħat proposta għal din l-attività. |
| **3.5.16 Festa Ħelu** | Is-Sindku propona li din issir bejn 30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2024. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Nicole Farrugia kien hemm qbil fuq id-data. Semmew ukoll li għandha toħroġ espressjoni ta' interess għal bankarelli b'ħelu differenti. Kien hemm ukoll diskussjoni fuq attivitajiet u kompetizzjonijiet differenti li jistgħu jsiru fil-ġurnata.<br>Is-Sa. Farrugia semmiet ukoll li għandu jiġi kreat clip 30 sekonda bħala promo. |
| **3.5.17 Rivista tal-Kunsill** | Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li f'Ottubru ser tkun qed taħdem fuq ir-rivista sabiex tkun tista' tinħareġ l-ewwel waħda sal-aħħar tas-sena. |
| **3.5.18 Rivista tal-Kunsill** | Is-Sa. Darlene Vella spjegat li l-kors tal-Fire Warden ser isir nhar 28 ta' Settembru. Semmiet li minħabba l-prattika li jinvolvi t-taħriġ, ser ikollu jsir il-Madliena fiċ-ċentru ta' min ser jagħti dan it-taħriġ. Semmiet li ser ikun hemm transport mill-Kunsill. |

Semmiet ukoll li ser jingħabru kwotazzjonijiet sabiex isir ukoll taħriġ tal-First Aid.

**3.6 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.6.1 Is-Sindku semma li kellu komunikazzjoni mas-Sur Ramon Fiott li ser ikunu qed jorganizzaw attività għat-tfal fl-1 ta' Novembru. Semma li ser ikun hemm l-involviment tal-Għaqdiet sabiex anki jibgħatu rappreżentanza għat-tfal anki sabiex tittella' xi reċta żgħira bit-tema ta' dan iż-żmien. Is-Sa. Darlene Vella semmiet li kienet ser tiltaqa' ma' Tarxien Rainbows. Semmew ukoll li ser ikun qed jingħabar xi ikel sabiex jitqassam lill-familji fil-bżonn.

3.6.2 Is-Sindku semma li kellu talba minn Tarxien Peagent Group sabiex bejn id-9 t' April u l-15 t' April jinżamm kwart tal-ispazju tal-parkeġġ ħdejn l-iskola riservat sabiex il-Peagent issir hemmhekk. Semma li ser ikun hemm diskussjonijiet mal-iskola minħabba t-transport tat-tfal. Semma li fil-ġurnata tal-Peagent tkun trid tingħalaq mill-16:00pm u nofs il-lejl.

3.6.3 Is-Sindku semma li għaddejjin l-arranġamenti sabiex tinġieb Fire Engine għall-esebizzjoni quddiem il-Knisja.

3.6.4 Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li qed jingħabru l-lista ta' cat feeders li hemm fil-lokal. Semmiet li huwa importanti li kull cat feeder jiġi jirreġistra mal-Kunsill Lokali. Semmiet li sal-aħħar t' Ottubru ser ikunu qed jingħabru l-vouchers li dawn jitqassmu skont in-numru tal-cat feeders u skont l-ammont ta' qtates li jitimgħu. Semmiet ukoll li cat feeders oħrajn ikunu jistgħu jirreġistraw u jieħdu l-voucher mal-batch li jmiss.

3.6.5 Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li anki bi qbil mal-Parroċċa, iċ-ċelebrazzjoni tat-Tberik tal-Annimali ser issir nhar 13 t' Ottubru. Kien hemm qbil li għaż-żwiemel ikun hemm ħlas ta €10 filwaqt li għall-pets oħra jkun hemm ħlas ta' €3. Semmiet li ser jingħata ċertifikat kif ukoll token. Kien propost li lejliet l-attività ssir laqgħa għar-residenti fuq skemi li jirrigwardjaw l-annimali u kif wieħed jista' jibbenefika kif ukoll servizz offrut mill-Animal

TARXIEN
Local Council

Welfare. Semmew li l-attività tat-Tberik tibda mid-9:30am jiġu mistiedna l-Scouts kif ukoll għandna nġibu banda għal waqt il-parata.

3.6.6 Is-Sindku ppropona li wieħed jibda jaħseb sabiex jerġa' jingaġġa persuna responsabbli mill-kuntratti bħala Contracts Manager. Kien hemm diskussjoni li dan għandu jkun fuq bażi ta' l-inqas 9 siegħat fil-ġimgħa u li ma jaqbiżx il-€5,000 fis-sena.

3.6.7 Is-Sindku semma li s-Sur Dasier D'Amato ma setax jattendi għal-laqgħa imma ppropona li jkunu vvutati €1,000 sabiex isir il-Foam Party tat-tfal f'Settembru kif ukoll jibdew il-preparamenti tal-Back to School. Semmew li l-biljetti tal-Party ser jinbiegħu għall-prezz ta' €5. Kien hemm qbil fuq dak li kien ġie propost.

3.7 **Aġġornament**

3.7.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn 9 ta' Settembru 2024 fil-17:30 fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Dok A.




Misraħ ir-Raħeb

St. Thomas.